# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 34 – L-ERBGĦA 25 TA' JANNAR 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku waqt il-laqgħa.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 33

1.1 Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar para. 3.12 fejn staqsa jekk il-Kumitat Reġjonali kienx għadda kopja tal-kwotazzjonijiet, is-SE infurmat li kemm is-Sindku, li huwa wkoll il-President tal-Kumitat Reġjonali, kif ukoll is-SE tar-Reġjun kienu kkonfermawlha li dawn inġabu.

2.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar para. 3.3, is-Sindku informa li kienet saret laqgħa fuq il-post fejn attendew rappreżentanti ta' TM, fosthom żewġ periti inkarigati minn din iż-żona, kif ukoll hu, il-Viċi Sindku u s-SE. Il-periti skużaw ruħhom verbalment għalli sar u wiegħdu li se jieħdu ħsieb ipoġġu l-bankina lura bi gradilji jew mini minn taħt sabiex l-ilma jibqa' għaddej filwaqt li r-residenti jkunu jistgħu jimxu minn fuq il-bankina mingħajr ebda inkonvenjent jew periklu, hekk kif talab il-Kunsill. Huwa informa wkoll li nġibdet l-attenzjoni tagħhom ukoll dwar l-għadira li jkun hemm mal-ġenb tat-triq viċin l-istess bankina kif ukoll għall-problema tal-ilma tax-xita aktar 'il fuq minħabba li possibbilment hemm *gutter* li ma ġiex imqabbad mal-katusi. Fuq rakkomandazzjoni tal-periti, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġib *bowser* bil-pressa u fil-każ li l-ilma xorta ma jgħaddix, il-Kunsill għandu jerġa' jagħmel l-ilment formalment.

2.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar il-*vacation leave* tal-iskrivan, is-SE infurmat li kienet kitbet lill-Kap tar-Riżorsi Umani ġewwa d-Dipartiment tal-Gvern Lokali iżda kienet għadha bla risposta. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex terġa' tagħmel *reminder* ta' din it-talba sabiex tingħata rakkomandazzjoni min-naħa tagħhom.

2.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet korrispondenza min-naħa tal-*Monitoring Unit* tad-Dipartiment fejn talbuha spjega dwar il-*bollard* ta' Triq il-25 ta' April. Għalkemm kienet għadha ma rrispondietx, hija infurmat li sal-ġurnata hija kienet kitbet lil TM dwar it-tabella kif ukoll lill-Awtorità tad-Djar sabiex takkwista kopja tal-pjanti tal-MEPA ta' din iż-żona. Għaldaqstant kienet se tinforma b'dan lid-Dipartiment.

2.5 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 3.9, kienet għamlet kuntatt mar-*Restoration Unit* tal-MRRA fejn wieħed mill-periti kien ġentilment aċċetta li, mingħajr ebda ħlas, jagħti stima sabiex jiġi rrestawrat it-tank tal-ilma. Sadanittant għall-mistoqsija tal-perit dwar jekk il-Kunsill iridx li dan it-tank jerġa' jibda jitħaddem, il-Kunsill qabel li, minħabba kwistjoni ta' finanzi, ikun jaqbel li x-xogħol ikun jinkludi biss ir-restawr tal-binja.

2.6 Rigward para. 4.1, is-SE infurmat li kienet reġgħet daħħlet rapport lil TM dwar ix-xogħol li sar fuq trinek fi Triq l-Imtarfa minħabba li ma jidhirx li sar b'mod professjonali. Hawnhekk is-Sindku u l-Kunsillier Vella wasslu t-talba ta' uħud mis-sidien tal-ħwienet sabiex possibbilment darb'oħra jiġi evitat li x-xogħol isir is-Sibt filgħodu.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 Fuq talba tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li s-SE għandha tgħaddi rendikont tal-ħlasijiet li saru għal żmien il-Milied.

3.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Għall-mistoqsija tas-SE dwar jekk il-funtana fuq in-naħa ta' wara ta' Binja Santa Luċija kif ukoll il-*planters* mad-dawra tal-parkeġġ humiex parti mill-komun tal-istess binja inkella humiex responsabbiltà tal-Kunsill, kien hemm qbil li s-SE għandha titlob pjanta u konferma mingħand l-Awtorità tad-Djar.

4.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva kont rivedut min-naħa tal-MEPA għal €3828 minflok ieħor għal madwar €16000 fir-rigward tal-proġett tal-bosk. Minbarra dan il-kont, il-Kunsill kien imissu jħallas ukoll il-kont tal-perit u jista' jkun ukoll tal-VAT għalkemm kien hemm talba mill-istess Kunsill sabiex din tiġi eżentata. Kien hemm qbil li matul il-laqgħa li jmiss għandha tattendi għal-laqgħa ta' informazzjoni l-*Manager* tal-MAGF.

4.3 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tintbagħat ittra ta' rakkomandazzjoni dwar il-grupp Big Friends Guggen Band li kienu qed jagħmlu applikazzjoni mal-UE sabiex ikabbru l-grupp tagħhom fejn residenti mill-iMtarfa setgħu jiġu preferuti. Fir-rigward tal-offerta tagħhom sabiex idoqqu f'attivitajiet tal-kunsill matul dik is-sena, il-Kunsill kien se jinforma li għalkemm jixtieq li jkompli jaħdem magħhom fil-futur, ma kienx possibbli li jaċċetta s-somma mitluba.

4.4 Is-Sindku qara ittra oħra simili mingħand is-Soċjetà San Pawl Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat fejn dawn kienu se japplikaw għal fondi mill-UE u xtaqu wkoll ittra ta' rakkomandazzjoni bil-patt u l-kundizzjoni li residenti mill-iMtarfa jitħallew jagħmlu użu bla ħlas mill-faċilitajiet tagħhom kemm-il darba l-applikazzjoni tagħhom tiġi aċċettata. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-ittra ta' rakkomandazzjoni.

4.5 Is-Sindku wassal ukoll ittra mingħand l-Imtarfa Drama Group fejn talbu lill-Kunsill li jagħrafhom bħala l-uniku grupp tad-drama ġewwa l-iMtarfa. Il-Kunsill qabel li għalkemm mhuwiex kontra fil-prinċipju, ma jħossx li huwa l-awtorità kompetenti biex jagħmel dan u għaldaqstant se jintalbu jiktbu lill-*Performance Rights Authority*.

4.6 Is-Sindku qara ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kappillan dwar rapport għal bozza li ilha mitfija u talba għal oħra ġdida viċin iċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fuq prinċipju li ssir bozza ġdida iżda din tkun tiddependi mill-ispiża totali. Is-Sindku sadanittant informa li kien għamel rapport lill-Korporazzjoni Enemalta u dawn wiegħduh li x-xogħol fuq il-bozza mitfija kellu jsir sa jumejn wara. Fuq suġġeriment tas-Sindku dwar xi pots li jinsabu bejn iċ-Ċentru Parrokkjali u l-i*snack bar*, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li dawn jitpoġġew fin-nofs minħabba t-tfal li joħorġu mid-duttrina kif ukoll sabiex jimpedu l-aċċess għall-vetturi għal fuq is-saqaf tal-Knisja. Min-naħa l-oħra l-Kunsill qed iżomm id-dritta li jmexxi dawn il-pots kif jidhirlu kemm-il darba jħoss li hemm xi ħtieġa meritata.

4.7 Is-Sindku informa li wieħed mill-kuntratturi li kien tefa' l-offerta għal ġbir ta' skart kien qed jitlob il-flus lura li ħallas sabiex jiġbor id-dokumenti tal-offerta li eventwalment ġiet irtirata mill-Kunsill għaliex ma kienx interessat li jerġa' jiġbor l-offerta. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb dwar dan lid-Dipartiment kif ukoll tibda l-proċess biex din l-offerta terġa' tinħareġ.

4.8 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-periti li qed jaħdmu fuq il-proġett tal-Awtorità tad-Djar kienu infurmawha li kien se jinġab *surveyor* biex isiru l-applikazzjonijiet mal-MEPA u TM dwar l-estenzjoni tal-parkeġġ ħdejn Binja San David. Barra minn hekk, kien hemm il-ħsieb biex il-*planters* jinksew u jinżebgħu b'materjal apposta li ma jżommx umdità u se jippruvaw iqabblu l-pavimentar ma' dak diġà eżistenti. Fir-rigward tal-bankijiet ġodda, il-Kunsill qabel li għandhom ikunu bħal dawk li hemm fi Triq l-Imtarfa ħdejn l-Iskola Sekondarja.

4.9 Is-Sindku informa li l-proġett tal-bandli kien għadu għaddej fejn matul dik il-ġimgħa kellha tiġi aġġudikata l-offerta tal-ġibjun filwaqt li dik tal-latrini kienet għadha se tiġi aġġudikata. Għall-mistoqsija dwar il-bandli l-antiki s-Sindku informa li kien għad hemm il-ħsieb li dawn jitpoġġew in-naħa t'isfel tal-ġnien fi Triq il-25 ta' April. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-*Malta Standards Authority* sabiex iġġib il-permessi neċessarji.

4.10 Is-SE infurmat li kienet irċeviet korrispondenza dwar il-gazzetta *Malta Now* li kienet qed tiġi proposta li tkun disponibbli bla ħlas mil-lokalitajiet. Għal dan l-għan kienu se jitpoġġew *stands* apposta fuq il-bankini. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tikteb lura b'numru ta' mistoqsijiet dwar ħsara, lok propost, eċċ.

4.11 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li għalkemm kienet intbagħtet *reminder* fir-rigward tal-appell tal-offerta tal-knis, sal-ġurnata ma kienx għad hemm l-ebda żvilupp.

4.12 Is-SE infurmat li kienet ġiet avviċinata mill-*Call Centre* tas-Swatar sabiex jipparteċipaw f'xi attività permezz ta' *information stand*. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu mitluba jattendu matul it-tlett ijiem tal-*pageant*, u jintalbu jagħtu *sponsorship* ta' €1000.

4.13 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ jieħu ħsieb il-produzzjoni tal-fuljett li jmiss tal-Kunsill sakemm l-aħħar *proof* tkun approvata mill-Bord Editorjali li huwa magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Scerri Diacono u Vella u s-SE.

## 5. *PERFORMANCE BONUS* (SEGRETARJU EŻEKUTTIV U SKRIVAN)

5.1 Kien hemm qbil li jingħata *performance bonus* ta' 8% lis-SE għaliex skont il-Kunsill seta' jevalwa l-andament tagħha fuq bażi ta' xahrejn u nofs biss.

5.2 Kien hemm qbil li jingħata *performance bonus* ta' 4% lill-iskrivan wara li s-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li mhux qed jilħaq il-livell ta' xogħol kif mixtieq minnha.

## 6. PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET MATUL IS-SENA 2012

6.1 Is-Sindku informa li matul dik il-ġimgħa kienet saret laqgħa li għaliha attendew hu u s-SE kif ukoll il-Kunsillier Vella għall-ewwel parti f'isem il-Kunsill kif ukoll żewġ rappreżentanti tal-iMtarfa Drama Group fejn fiha ġew diskussi tliet attivitajiet sabiex jiġu approvati mill-Kunsill.

6.2 Il-Kunsill qabel li ssir l-attività tal-karnival nhar il-Ħadd 19 ta' Frar bejn l-10am u nofsinhar sakemm l-attività ma tiswiex aktar minn €500. Wara diskussjoni kien hemm qbil li minflok kompetizzjoni, din is-sena jingħata ċertifikat tal-parteċipazzjoni lit-tfal kollha li jkunu lebsin kostum tal-karnival kemm-il darba jinkitbu minn qabel.

6.3 Is-Sindku informa li l-*pageant* din is-sena kien pjanat li jinżamm bejn it-2 u l-4 ta' April. Kien hemm qbil biex jinstabu numru ta' *sponsorships* sabiex din l-attività ma twaddabx piż żejjed fuq il-finanzi tal-Kunsill iżda li possibbilment għandha ssir minħabba li kienet saret parti mid-djarju tal-Kunsill u tal-lokalità. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jkollu f'idejh kemm jista' jkun kwotazzjonijiet mill-aktar fis possibbli sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar jekk il-Kunsill jistax jerġa' jieħu ħsieb itella' dan il-*pageant*.

6.4 Il-Kunsill qabel li d-dati għas-Serata Poe-Mużikali u Jum l-Imtarfa għandhom ikunu nhar is-Sibt 21 u l-Ġimgħa 27 ta' April rispettivament. Is-SE għandha tikkomunika ma' numru ta' persuni li ġeneralment jgħinu sabiex jittellgħu dawn l-attivitajiet. Sadanittant il-Kunsillier Scerri Diacono ssuggerixxa li għal din is-sena l-Kunsill għandu jara l-possibbiltà li tintuża s-sala tal-Iskola Sekondarja minflok dik tal-*Adult Training Centre*.

6.5 Kien hemm qbil ukoll li kemm-il darba ssir, Military Mtarfa 2012 għandha ssir nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju. Din iżda għandha terġa' tiġi diskussa aktar 'il quddiem meta l-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar li jiddiskuti x'*budget* hemm għall-attivitajiet ta' matul is-sena.

## 7. PUNTI OHRA

7.1 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-*bring in site* li hemm faċċata tal-ħanut taż-żebgħa titressaq għal Pjazza Palma minħabba li qiegħda tkun mimlija ħmieġ tal-għasafar kawża li qiegħda taħt is-siġar. Il-Kunsill qabel.

7.2 Fuq talba tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li għal fini ta' rekords, il-Kunsill japprova li tiġi installata bozza ġdida fi Triq Prosperina. Din it-talba ġiet diskussa ħafna drabi matul laqgħat preċedenti iżda ma nstabx rekord uffiċjali li ttieħdet deċiżjoni.

7.3 Fuq talba tal-Kunsillier Scerri Diacono l-Kunsill qabel li l-*Union of Cabin Crew* tagħmel użu bi ħlas mis-Sala tal-Kunsill nhar is-27 ta' Frar.

7.4 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jitlob ħlas ta' €30 għal kull student/a li jattendu għall-*after school sports programme*.

7.5 Il-Kunsillier Scerri Diacono ta rendikont tal-ispejjeż taż-żewġ festini tal-Milied li ttellgħu minnu. Huwa informa li l-maġġorparti tar-rigali kienu ngħataw bla ħlas minn kumpaniji varji. Meta wieħed inaqqas il-ħlas li nġabar mit-tfal, dawn iż-żewġ attivitajiet kienu swew lill-Kunsill €444.50.

7.6 Il-Kunsillier Scerri Diacono preżenta kopja tal-programm tal-attivitajiet tal-Milied li kien fih ħafna żbalji ortografiċi. Huwa qal li għalih ma kienx aċċettabbli. Is-SE

infurmat li x-xogħol sar f' ġurnata waħda meta hija kienet bil-*leave* u li għaliha kien inaċċettabbli wkoll, speċjalment minħabba li hija kienet qarrejja tal-provi fil-Malti.

7.7 Il-Viċi Sindku informa li matul dak ix-xahar il-ħaddiema kienu għamlu xogħol ta' manutenzjoni fiċ-Ċentru Ċiviku, xogħol ta' żebgħa fit-toroq kif ukoll sar iż-żarmar tad-dekorazzjonijiet tal-Milied.

7.8 Il-Kunsillier Scerri Diacono ġibed l-attenzjoni li ma tpoġġietx l-Aġenda fuq in-*noticeboard*.

7.9 Il-Kunsillier Scerri Diacono ġibed l-attenzjoni biex issir kommunikazzjoni mal-MEPA dwar żewġ siti fi Triq l-Imtarfa, li huma bla *boundary wall*.

## 8. GĦELUQ IL-LAQGĦA

8.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 15 ta' Frar 2012 fis-7.00pm.

8.2 Għal din il-laqgħa se jattendi wkoll l-*accountant* tal-Kunsill sabiex jiġu diskussi u approvati l-*end of year financial statements*.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |